**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8449 — Peugeot/Opel)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 179/08)

1. Fit-30 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Peugeot S.A. ("PSA" ta' Franza) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku tan-negozju Ewropew tal-vetturi ta' General Motors taħt l-ismijiet tal-marka Opel/Vauxhall ("Opel") permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PSA hija attiva madwar id-dinja fil-manifattura u l-provvista ta' karozzi tal-passiġġieri, vetturi kummerċjali ħfief u komponenti tal-vetturi għal vetturi bil-mutur.

— Opel timmanifattura u tipprovdi karozzi, trakkijiet, crossovers u partijiet tal-karozzi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8449 — Peugeot/Opel, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").